MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 2631/2002

**U.C.I.M Co Ltd.**
**Vs**
**Anthony Cilia Pisani u martu Josephine Cilia Pisani**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta’ (Lm1362) elf, tlett mija u tnejn u sittin lira Maltin rappresentanti import ta’ hdax-il kambjala, wahda ta’ Lm12 (bilanc) u ghaxra ta’ Lm135 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Dicembru 2001 sa Ottubru 2002 rispettivament u mhux imhallsa hawn annessi bhala dokument numri minn 1 sa 11 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta’ kull kambjala li sas- 16 ta’ Ottubru 2002 jammontaw ghall Lm 56, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi (Lm6.00c) tal-konsult legali, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati baqghu ma prezentawx risposta.

Sema' lil Avv Dr Michelle Pace Micallef tikkonferma bil-gurament taghha li l-ammont ghadhu dovut.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenuti jhallsu s-somma ta' elf tlett mija tnejn u sittin lira Maltin (Lm1362) bl-ispejjes u bl-interessi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------